# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI PRELIMINARI NRU:2686

**Kaz Numru : 3841 DP**

**Fil-kwistjoni tax-**

**xoghol bejn**

**Neville Bonnici (385374M)**

**u**

**Sata Bank plc (C66993) u**
**Ernst and Young Ltd (C30241)**

**dwar allegat tkeccija ngusta.**

**Chairperson : Is-Sinjura Doreen Parnis M.A., LLb. Dip. L.P. B.A., P.G.C.E.**

**Nhar it-Tlieta 10 ta' Novembru, 2020**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' Rikors pprezentata mill-Avv Leontine Calleja f'isem ir-rikorrenti Neville Bonnici fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-13 ta' Mejju, 2020, fejn sostniet li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu minn mas-socjeta' intimata, ghal ragunijiet ingusti.

Is-socjeta' Ernst & Young fir-risposta taghha qalet li hi qatt ma kienet timpjega lir-rikorrent u li ma tezistix relazzjoni ta' mpjegat u min jimpjega bejniethom. Qalet ukoll li t-talbiet infushom tar-rikorrent jezorbitaw il-gurisdizzjoni u kompetenza ta' dan it-Tribunal u dan ghax ir-rikorrenti qed jitlob hlas ta' paga ta' sena, hlas ta' leave li ma ttehidx u bonuses ohra li qed jitlob skont il-Ftehim Kollettiv f'kaz ta' terminazzjoni mill-impjieg. Min-naha taghha s-socjeta' ntimata Sata Bank fir-risposta taghha elenkat ukoll kif dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni jisma' l-kaz minhabba li t-talbiet tal-intimat huma ghall-hlas ta' leave, zieda fis-salarju hlas ta' performance bonus u kumpens allegat dovut lilu ai termini ta' artikolu 10 tal-Kuntratt ta' mpjieg tieghu.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, evalwa x'intqal mix-xhieda, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjonijiet ta' l-avukati difensuri.

**Rapprezentanza**

Neville Bonnici li minn issa l-quddiem ser tissejjah ir-rikorrent kienet assistita mill-Avv. Leontine Calleja

Sata Bank plc kien rapprezentat mill-Avv Lorraine Conti u Ernst & Young, kienet irraprezentata mill-Avv Robert Attard.

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Ir-rikorrent kien impjegat mal-intimat Sata Bank bhala Chief Operating Officer mis-6 ta' Ottubru 2014 u f'Ottubru 2018 it-tmexxija tal-Bank waqa' taht il-kontroll ta' Ernst & Young Ltd. Ir-rikorrent allegatament bhala mpjegat thalla bla spjegazzjoni ta' x'ser jigri, l-impjieg tar-rikorrent gie tterminat permezz ta' ittra li hu rcieva datata 21 ta' Jannar 2020. Ir-rikorrent jghid l minkejja fil-kuntratt tax-xoghol hemm klawsola li f'kaz ta' terminazzjoni jew trasferiment ta' business u jigi tterminat, ghandu dritt ghal sena paga bhal termination benefit, liema flus ma naghtax. Ir-rikorrent jghid ukoll li kien ititolat ghal 23 gurnata hlas ta' leave li ma bbenfikax minnhom fis-sena 2018 u li gie approvati trasferiti ghas-sena 2019. Jallega wkoll li kien intitolat ghal zieda annwali fil-paga minn Jannar 2018 ta' 25% tas-salarju li wkoll m naghtax, imma fil-fatt inghata biss parti minn din iz-zieda.

Minn naha taghha Ernst & Young fir-risposta qalet li hi mhix legittimu kuntradittur u dan ghax hi qatt ma kienet l-employer tar-rikorrent kif jghid ir-rikorrent stess fid-dikjarazzoni, u qatt ma kienet tezisti employer-employee relationship. Non e stante s-suespost Ernst & Young telenka wkoll li t-termination benefit skond klawsola 10 tal-kuntratt tal-Impjieg ma tirregolax il-kundizzjoni tal-kaz odjern jigifieri mhix marbuta ma' redundancy. Tghid ukoll li l-hlas tal-leave li naghtalu huwa skond ir-regoli tan-notice period. Qalet ukoll li z-zieda fil-paga li jirreferi ghaliha r-rikorrent mhix xi obbligu minn naha tas-socjeta' izda ghad-deskrizzjoni tal-employer marbuta mal-performance assessment.

Sata Bank Ltd preliminarjament talbet lit-Tribunal

1. jiddikjara li mhux fil-kompetenza tieghu jisma' dan il-kaz u dan ghax ma jirrigwardjax allegat tkeccija ngusta' izda allegatament nuqqas ta' ghoti ta' termination benefits, nuqqas ta' zieda f'pagi dovuti u nuqqas ta' kumpens ta' hlas ta' leave li ma ttehidx.
2. Jiddikjara li Ernst jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju
3. Jigi milqugh il-kontro-mandat li talbet Ernst & Young fil-konfront ta' mandat ta' sekwestru li nhareg mit-Tribunal stess.

**Sintesi tat-trattazzjonijjiet u Sottomissjoni tal-kaz**

**Avv. Robert Attard** li deher ghal Ernst & Young qal li rigward l-eccezzjoni ta' jekk Sata Bank hu legittimu kuntradittur, spjega kif din is-socjeta' giet imqabbda mill-awtoritajiet biex jagixxi f'isem is-Sata Bank fil-kapacita' Persuna Kompetenti. Huwa qal li Ernst & Young qatt ma ghagixxa f'ismu u proprju, minkejja li kellu jiehu decizjonijiet li hadd ma jiehu gost jiehu. Dr. Attard qal ukoll li qatt makien hemm relazzoni ta' hadiiem u min ihaddem bejn il-klijent tieghu u r-rikorrent u ghalhekk ir-rikorrent ma jista' qatt ifittex terz. Rigward l-eccezzjoni ta' jekk it-Tribunal ghandux gurisdizzjoni jew le, Dr. Attard qal li t-talbiet tar-rikorrent jezorbitaw il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti. Rigward il-kontro-mandat Dr. Attard sahaq li sahha gie mfittex meta ma kienx hemm lok talli flus Ernst & Young gew arrestati wkoll minkejja li r-rikorrent kien diga ittitola l-pretensjnijiet tieghu billi nqabdu l-flus ta' Sata Bank fil-Bank Centrali. Elenka wkoll li l-procedura legali tippermetti kumoens fejn ikun sar abbuz mid-drittijiet u dan ghax jekk inqabdu l-flus ghalxejn ir-rikorrent ghandu jhallas ukoll penali ta' dan.

**Avv Leontine Calleja** li dehret ghar-rikorrent spjegat kif meta saret it-talba ghall-mandat ta' sekwestru li huma ghamlu, l-anqas biss kienu jafu jekk fil-fatt id-drittijiet kenux kawtelati mis-Sata Bank u l-anqas b' Ernst & Young u dan ghax baqghu sas- 7 ta' Ottubru waqt is-seduti stess biex saru jafu b'dan u l-anqas ma kienu jafu bil-kontro-mandat. Dr. Calleja qalet ukoll li m'ghandhomx oggezzjoni li jigi milqugh il-kontro-mandat izda certament ir-rikorrent m'ghandux jitqies li ghagixxa b'malafede kif titlob il-ligi biex wiehed jigi mitlub kumpens. Hija qalet ukoll li fi kliem l-Imhallef JR Micallef, il-fatt li persuna tikkawtela d-dritt taghha m'huwiex xi haga li tista' titqies malizja. Rigward il-gurisdizzjoni Dr. Calleja qalet li l-fatt li r-rikorrent u shabu kienu inghataw direzzjoni mill-kumpanija kienu mpjegati maghha li se jsir winding down izda sena wara minn meta hadu over Ernst & Young id-decizjoni daret u gew meqjusa redundant wara li gew miflija l-kuntratti u artiklu 10 li jtkellem fuq kumpens li kellhom jiehdu. L-avukat Calleja qalet li proprju hawn tinsab l-ingustizzja fit-terminazzjoni u dan wiehed ghad irid jistabilixxih fil-mertu. Rigward l-eccezzjoni ta' kemm Ernst & Young hux il-legittimu kntradittur, Dr. Calleja qalet li huma dahlu fiz-zarbun ta' Sata Bank u hadu decizjoni oltre milli kienet se tiehu s-socjeta' li kienet timpjegahom u ghalhekk ghandhom jibqu' fil-kawza bhal partijiet.

**Avv Lorraine Conti** li dehret ghal Sata Bank b'nota ta' sottomissjoni qalet li minn qari tar-rikors promotur wiehed mill-ewwel jifhem li t-talba ghal terminazzjoni ngusta hija biss *tanto per* u li r-rikorrent xejn ma jinteressah re-instatement jew danni ghall-impjieg ingust izda jinteressah li jigbor is- *severance pay* miftiehem mieghu kontrattwalment f'klawsola 10 tal-kuntratt tal-impjieg tieghu. Hija qalet ukoll li r-rikorrent qed jaccetta li l-impjieg tieghu gie tterminat, izda jikkontesta biss ir-raguni tat-terminazzjoni, cioe li ma kienx redundancy izda winding up.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ried jistabbilixxi preliminarjament jekk dan hux kaz ta' tkeccija jew jekk hux kaz ta' ilment dwar allegat nuqqss ta' ghoti ta' termination benefits, zidiet fil-paga u bilanc fil-hlas ta' leave li ma ttehidx. Gie mitlub ukoll preliminarjament jiddkjara jekk wiehed mill-partijiet li qed jiffurma s-socjeta' ntimata hux fil-fatt legittimu kuntradittur; liema parti qed titlob ukoll lil dan it-Tribunl jilqa' l-kontro-mandat imressaq minnha stess.

Tenut kont ta' hdax -il fatturi migjuba bi provi waqt is-smiegh tal-kaz cioe: -

Li r-rikorrent kien impjegat mas-socjeta' sa mis-6 ta' Ottubru 2014 bhala Chief Operating Officer u gie tterminat fil-21 ta' Jannar 2020.

Li r-rikorrent kien imjegat mas-Sata Bank liema bank bhal issa b'ordni tal-MFSA mhux qed jopera u gie mahtur Ernst & Young bhala l-Persuna Kompetenti biex tagixxi f'ismu

Li inhareg mandat ta' sekwestru kontra s-Sata Bank u Ernt & Young ta' mija u tmenin elf ewro ( €180 ,000) li qed jintalbu biex jaghmlu tajjeb ghal hlas ta' sena paga, bilanc ta' leave mhux mehud u zidiet ohra marbuta ma' performance bonuses;

Li r-rikorrent qed jallega ngustizzja fit-terminazzjoni tal-impjieg tieghu tal-mod kif gie mdawwar il-fatt li l-kumpanija ghamlet winding down u mhux itterminat lir-rikorrent ghax gie redundant u sussegwentement gie mcahhad minn beneficcji li hu jghid li hu ntitolat ghalihom skond klawsola 10 tal- Kuntratt tax-xoghol;

Li dawn il-beneficcji jinghataw lilu kemm il-darba jigi tterminat mix-xoghol f'kaz li l-kumpanija taghmel winding down jew titrasferixxi l-ishma;

Li dan il-beneficcji ma hux intitolat ghalihom jekk jigi tterminat fuq bazi ta' redundancy;

Li wahda mill-partijiet li jiffurmaw is-socjeta' ntimata tesigi li mhix legittima kontraditttur u dan ghax huma gew imqabbda mill-MFSA skond artiklu 29(1)(b) tal-Kap 371 tal-ligijiet ta' Malta, biex jghagixxi f'isem il-parti l-ohra, jigifieri f'isem Sata Bank;

Li f'dan l-istadju ghadu mhux car jekk Ersnt & Young agixxietx f'isem il-kumpanija jew jekk dahlitx fiz-zarbun taghha jew le;

Li f'dan l-istadju ghadu mhux car jekk il-kumpanija ghamiltx winding down jew jekk il-haddiema taghha gewx redundant;

Li dan it-Tribunal gie mitlub jilqa' l-Kontro-mandat intavolat minn Ernst & Young biex jirrevoka l-mandat ta' sekwestru bin-numru 513/20 li nhareg minn dan it-Tribunal fid-29 ta' Mejju 2020, Ai termini tal-artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta;

Li r-rikorrent mhux qed joggezzjoni ghal din ir-revoka ga la darba l-istess ammont ta' flus huma kkonfermati b'cedola mill-Bank Centrali mill-assi ta' Sata Bank.

**DECIZJONI PRELIMINARI**

Dan it-Tribunal gie mitlub biex preliminarjament jichad li jisma' l-kaz minhabba nuqqas ta' gurisdizzjoni ai termini artiklu 75 ta l-Att 452 tal-ligijiet ta' Malta; gie mitlub ukoll li minghajr pregudizzju ghas-suespost jiddikjara lil Ernst & Young li mhux legittimu kuntradittur u jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju. Gie mitlub ukoll jilqa' l-kontro-mandat mitlub minn Ernst & Young.

Dan it-Tribunal wara li ra l-provi migjuba s'issa jiddikjara li ma dahalx fil-mertu tal-kaz imma ssindika f'certi fatti sabiex ikun jista' jasal ghal decizjoni fuq l-ecezzjonijiet preliminari. Ir-rikorrent qed jaghmel talbiet ta' hlasijiet li fid-deher mhumiex fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Dan it-Tribunal qed jigi mitlub ukoll jinvestiga allegat tkeccija ngusta. Dan ifisser li fin-nuqqas ta' gustizzja fi tkeccija li tigi pprezentata quddiemu jrid jara jekk fil-fatt kienx il-kaz li kellu jitkecca jew jinzamm fl-impjieg. Il-ligi

tax-xoghol innifisha taghti lok ghal talbiet ta’ ri-ingagg u fejn dan ma jkunx possibbli, f’kaz li jirrizultalha li kien hemm ingustizzja fil-fatt li ma giex mizmum fl-impjieg, it-Tribunal ghandu s-setgha jillikwida d-danni sofferiti.

Mill-banda l-ohra dan it-Tribunal m’ghandux gurisdizzjoni li jiddetermina u jidhol f’kumpens ta’ leave mhux mehud u hlasijiet ancillari u hlas iehor marbut ma’ peformances bonuses.

Il-fatt innifsu li r-rikorrent hass li ghandu jiehu dawn il-hlasijiet li madwarhom huwa wkoll mfassal il-mandat ta’ sekwestru, jista’ jigi nterpretat li qed jaccetta t-terminazzjoni u mhux jikkontesta li kellu jigi tterminat mill-impjieg. Jista’ ghalhekk wiehed fid-deher , prima facie, jintepreta t-talbiet ghall-hlasijiet bhala accettazzjoni tat-terminazzjoni minnhom infushom. L-allegat tkeccija ngusta timplika li mhux suppost kien hemm terminazzjoni fl-ewwel lok.

It-Tribunal ihoss li ma hargux provi bizzejjed fil-fazi preliminari biex wiehed jiddetermina dan u wiehed ghad irid jara wara li jigi trattat il-mertu kollu.

Dan it-Tribunal jemmen li l-ligijiet huma cari u l-funzjoni ta’ dan it-Tribunal huma wkoll cari kif elenkati fil- Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta u t-talbiet li ghandhom jersqu quddiemu huma wkoll spjegati car. Dan ifisser ukoll li t-Tribunal ghandu l-obbligu li jissindika u janalizza l-possibiltajiet kollha mibnija fuq il-provi mressqa quddiemu biex ikun jista’ fil-fatt jiddetermina jekk tkunx saret tkeccija l-ewwel u qabel kollox, u jekk din it-tkeccija hix gusta jew le. Biex jasal ghal dan it-Tribunal jiddikjara li fil-kaz odjern u t-talba li saret lilu permezz ta’ eccezzjoni preliminari ma tistax tigi determinata qabel ma jigi trattat u jidhol fil-mertu tal-kaz.

Dan it-Tribunal gie mitlub jilqa’ l-kontro-mandat kif mitlub b’rikors datat 22 ta’ Gunju 2020. Il-mandat innifsu ma ntalabx b’malafede kontra Ernst & Young u dan ghax ir-rikorrent ma kienx jaf jekk id-drittijiet tieghu humiex kawtelati la b’Sata Bank u lanqas b’Ernst & Young, u dan ghax sar jaf bid-depozitu minn Sata Bank hafna aktar tard, pjuttost waqt is-smiegh tas-seduti. It-Tribunal jinnota wkoll li l-partijiet kollha qablu li ghandu jintlaqa’ l-kontro-mandat.

Hawn it-Tribunal ried jirrifletti fuq x’titlob il-ligi ai terminu ta’ artilu 836 (8) (b), (c) u (d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u c-cirkostanzi relevanti fl-istess artiklu. Dan it-Tribunal ma jirrizultalux li t-talba ghall-mandat ta’ sekwestru ghandha ggorr penali ghax ma jidhirlux li l-ghagir innifsu jaqa’ fis-sub-artikli (b), (c) u (d). It-Tribunal huwa tal-fehma li malafede fit-talba tal-mandat ta’ sekwestru ma jidhirx li kien hemm.

It-Tribunal gie mitlub biex jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lil wahda mill-partijiet li qed jiffurmaw s-socjeta’ ntimata, cioe, lil Ernst & Young. Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li biex jasal ghal decizjoni jekk fill-fatt ghagixxiex fiz-zarbun tal-parti l-ohra, cioe, Sata Bank, jekk kienx sempliciment qed jattwa d-decizjonijiet li kien messu ha u ried jiehu Sata Bank jew jekk hux il-kaz li agixxa tali li ha decizjoni oltre mid-direzzjoni moghtija

lilu f'isem min  qed jghagixxi, wiehed ghad irid jara. Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li biex ikun jista' jasal ghal konkluzzjoni fuq dan il-fatt jehtieglu jisma' l-mertu tal-kaz fl-intier.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi li jirrevoka l-mandat li hareg minnu stess fid-29 ta' Mejju 2020 billi jilqa' l-kontro-mandat imressaq fit-22 ta' Gunju 2020, jiddikjara li ghandu gurisdizzjoni jisma' dan il-kaz  u sussegwentement mhux f'pozizzjoni li jiddikjara jew le  lil Ernst & Young bhala legittimu kuntradittur f'dan l-istat qabel ma t-Tribunal ikun sema' l-kaz intier fil-mertu kollu. B'hekk it-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjoni biex jaccetta l-kontro-mandat; ma jilqax l-eccezzjoni li dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni u ma jilqax l-eccezzjoni li jillibera  lil Ernst & Young mill-osservanza tal-gudizzju.

B'hekk it-Tribunal jordna l-prosegwiment tal-Kaz.

**(Iffirmat)**
**Doreen Parnis**

**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**